# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.21

## ĦTIĠIET DWAR STANDARDS U PRATTIKA DWAR ID-DIVERSI TIPI TA' STĦARRIĠ TA' L-OPINJONI PUBBLIKA MXANDRA FUQ IS-SERVIZZI TA' RADJU U TELEVIŻJONI

22 ta' Marzu, 2007

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 264 ta' l-2007.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar id-diversi tipi ta' Stħarriġ ta' l-Opinjoni Pubblika Mxandra fuq is-Servizzi ta' Radju u Televiżjoni. Titolu.

**1.** Daħla

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

1.2 Il-kwistjoni partikolari dwar ix-xandir ta' diversi tipi ta' stħarriġ li sar ta' l-opinjoni pubblika mniżżla f'dawn il-ħtiġiet, tajjeb li jissemma minħabba fl-influwenza li dan jista' jkollu fuq it-telespettaturi jew is-semmiegħa. L-Awtorità tax-Xandir għalhekk stħarrġet il-qagħda f'pajjizi barranin u sawret dawn ir-regoli biex jimxu fuqhom l-istazzjonijiet lokali tax-xandir.

**2.** Stħarriġ ta' l-Opinjoni Pubblika

2.1 L-istħarriġ ta' l-opinjoni pubblika hija biċċa għodda utli biex l-udjenza tgħarrafha kif taħseb li ser tmur votazzjoni. Madankollu, dan jista' jintuża wkoll biex jgħallat il-fehma tat-telespettaturi u tas-semmiegħa - l-aktar, jekk ngħidu aħna, dawn jixxandru fl-aħħar ġranet qabel xi elezzjoni ġenerali, l-elezzjoni parlamentari ta' l-Unjoni Ewropea jew xi referendum.

2.2 Xandar li jwassal ir-riżultati ta' stħarriġ dwar l-opinjoni pubblika irid mar-riżultati ta' l-istħarriġ ixandar ukoll dan it-tagħrif li ġej:

i. isem l-isponser/l-oriġinatur ta' l-istħarriġ;

ii. isem l-individwu jew l-organizzazzjoni li mexxiet l-istħarriġ;

iii. id-dati ta' meta sar l-istħarriġ;

iv. biex l-informazzjoni tintqies tapplika għall-istħarriġ, irid jingħad kemm intalbu biex jieħdu sehem f'dan l-istħarriġ u x'perċentwali minnhom irrifjuta li jieħu parti;

v. biex l-informazzjoni tintqies tapplika għall-istħarriġ, x'marġni ta' żball jista' jkollu l-istħarriġ;

vi. il-kliem eżatt ta' kull mistoqsija li għaliha ingħata t-tagħrif miksub;

vii. il-marġni ta' żball, akbar minn dak rappurtat, li jista'

jkollha kull mistoqsija;

viii. indirizz lil min tista' tikteb jew numru tat-telefon fejn tista' ċċempel, li jkunu juru l-indirizz u t-telefon fejn tista' tikkontattja l-isponser/l-oriġinatur biex tikseb rapport bil-miktub ta' l-istħarriġ li jkun sar.

2.3. Dak li jkun inkarigat jagħmel l-istħarriġ għandu jagħti kopja miktuba tar-rapport bir-riżultati ta' l-istħarriġ lill-istazzjon tax-xandir, kif ukoll it-tagħrif kollu kif mitlub hawn taħt, sakemm dan jista' jkollu x'jaqsam ma' l-isħarriġ:

i. isem l-isponser/l-oriġinatur ta' l-istħarriġ;

ii. isem l-individwu jew l-organizzazzjoni li mexxiet l-istħarriġ;

iii. id-dati ta' meta sar l-istħarriġ;

iv. il-kliem eżatt ta' kull mistoqsija li għaliha ingħata t-tagħrif miksub;

v. kif inġabret l-informazzjoni;

vi. kemm kienet il-popolazzjoni li minnha nġabar il-kampjun;

vii. id-daqs ta' l-ewwel kampjun u n-numru ta' nies ikkuntattjati għall-istħarriġ;

viii. in-numru u l-perċentwali ta' nies ikkuntattjati li wieġbu l-istħarriġ;

ix. in-numru u l-perċentwali ta' nies ikkuntattjati li rrifjutaw jieħdu sehem fl-istħarriġ;

x. kif reġgħu ġew kalkulati l-perċentwali meta tħallew barra dawk li ma kkumentawx jew ma wieġbux;

xi. il-ħinijiet ta' xi intervisti;

xii. il-metodu ta' kif ittieħed il-kampjun;

xiii. in-numru ta' nies kuntattjati li ma setgħux jintgħażlu;

xiv. xi affarijiet oħra li tħaddmu u setgħu kellhom effett jew xi proċeduri oħra użati ta' normalizzazzjoni;

xv. il-marġni ta' żball li jista' jkollu l-istħarriġ.

2.4. Programmi li jirrappurtaw stħarriġ iridu wkoll jiżguraw li:

i. qatt toqgħod fuq it-tifsir mogħti lir-riżultat ta' stħarriġ minn min jippublikah jew jorganizzah: ara x'kienu l-mistoqsijiet, l-informazzjoni u x-xejra;

ii. qatt tuża kliem fl-istħarriġ li jista' jkattar it-twemmin aktar milli tabilħaqq jistħoqqlu - ir-riżultati qatt ma "jippruvaw" jonkella "juru" iżda biss "jissuġġerixxu";

iii. dejjem semmi l-marġni ta' l-iżball li jista' jkun hemm, u għandek tgħidu meta l-qabża bejn iż-żewġ kontendenti tkun fil-marġni ta' żball kombinat;

iv. dejjem għid jekk l-istħarriġ ikunx sar bit-telefon;

v. qatt ma għandek tħoss li xi wieħed ħaqqu jintgħażel

aktar bħala "siwi ta' aħbar".

2.5. Fil-programmi għandu jitħalla ħin biżżejjed biex jingħataw id-dettalji kollha.

**3.** Stħarriġ bit-*Televoting* u l-Internet

3.1. Meta jsir stħarriġ bit-telefon (magħruf ukoll bħala "*televoting*" jew "*phone-in*") jew bl-internet (jiġifieri, meta s-semmiegħa jew it-telespettaturi jingħataw numru jew indirizz biex jirreġistraw il-vot), għandu jkun jiftiehem ċar li billi r-riżultati jkunu nkisbu min-nies li wieħed ikun ġa għażel u mhux kif suppost b'xi kampjun magħżul statistikament, mhux bilfors ikunu jirrappreżentaw il-popolazzjoni kollha. Meta wieħed jasal biex jagħti r-riżultati ta' stħarriġ bħal dan għandu jaħrab milli jsemmi frażijiet bħal, "il-biċċa l-kbira tan-nies" u "il-pubbliku" aktar u aktar jekk b'dan il-kliem jista' jagħti impressjoni żbaljata li r-riżultat ta' l-istħarriġ seta' kien rappreżentattiv ta' l-opinjoni pubblika.

3.2. Dawn l-aħjar li jissejħu "stħarriġ tal-qlafat" ukoll jekk is-suġġett ikun serju. Dawk il-programmi li jridu jħaddmuhom għandhom jifhmu li fihom ħafna nuqqasijiet. Ma jeħdux kampjun ta' l-opinjoni: huma biss mezz fi programm biex juru ċerti opinjonijiet.

3.3. Ebda programm ma għandu qatt jagħmel stħarriġ mit-telefonati biex jiġbor tagħrif serju dwar sapport għal xi partit politiku. Jista' jkun li għal affarijiet oħra l-istħarri? bit-telefon jagħti riżultati interessanti u forsi wkoll li jimpressjonaw. Iżda ma għandux jinftiehem b'xi mod li riżultati bħal dawn jista' jkollhom xi tifsira aktar kbira.

3.4. Mistoqsijiet fl-istħarriġ bit-telefon iridu jkunu bi kliem meqjus u newtrali kif jitlob il-kontenut. Mistoqsijiet mgħawġa jagħtu tweġibiet mgħawġa.

**4.** *Vox pops*

4.1. Intervisti *vox pop* ma' nies fit-triq lanqas biss jagħtu ħjiel għal dak li tabilħaqq ikun qed jgħid il-poplu. Jgħoddu numru żgħir wisq biex jistgħu b'xi mod ikunu rappreżentattivi u fuq kollox lanqas huma magħżula bħala kampjun ta' kwota. Jista' jkun li l-*vox pops* tintuża kultant biex turi dak li jkunu qed jgħidu n-nies fi stħarriġ magħmul sewwa dwar l-opinjoni pubblika. Jistgħu wkoll jitħaddmu f'diversi kontesti mhux politiċi sakemm ma jingħata ebda suġġeriment li b'xi mod jistgħu jirrappreżentaw dak li tabilħaqq qed jaħseb il-poplu bi ħġaru. Għaldaqstant kull meta ssir xi *vox pop* għandu jingħad minn qabel li l-metodu li jkun qed jintuża ma għandux valur xjentifiku u għalhekk ma tistax toqgħod fuqu.

**5.** Stħarriġ barra l-post tal-votazzjoni

5.1. L-istħarriġ li jsir barra l-post tal-votazzjoni (magħruf bl-Ingliż bħala *exit polls*) dakinhar stess meta n-nies tmur tivvota u li jipprova jara kif tabilħaqq in-nies tkun ivvutat, irid jixxandar wara li jagħlqu l-postijiet tal-votazzjoni; dan għaliex jekk jixxandru waqt l-elezzjoni jew ir-referendum infushom, jistgħu b'xi mod

jinfluwenzaw ir-riżultat ta' l-elezzjoni jew referendum apparti milli jkunu qed jiksru il-liġi Maltija.

**6.** Ma jista' jixxandar ebda stħarriġ fil-jiem minnufih qabel il-votazzjoni.

6.1. F'xi pajjiżi hemm regolamenti li ma jħallux jitqassmu riżultati ta' stħarriġ f'jum jew minnufih fil-ġranet ta' qabel l-elezzjoni. Il-għan hu li bħalma jkun hemm waqfien għal kollox fil-ħidma politika "f'jum ir-riflessjoni", għandha wkoll din il-liġi tgħin lill-pubbliku biex jieħu deċiżjoni dwar kif ser jivvota bla ma jkollu x'jinfluwenzah minn barra, bħal ngħidu aħna riżultati mbassra li jkunu qed jingħataw minn xi stħarriġ.

6.2. Għaldaqstant ma jistgħux jixxandru riżultati ta' ebda stħarriġ imsemmi hawn fuq li b'xi mod jistgħu jikxfu l-identità ta' xi partit politiku jew xi kandidat jew ikunu favur jew kontra xi mistoqsija dwar referendum min-nhar it-Tnejn minnufih qabel il-votazzjoni sakemm jagħlqu kollha l-postijiet tal-votazzjoni.